Nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Marzu, 2024 mill-11.00 a.m. sal-11.30 p.m. minn Triq il-Mina l-Kbira, Triq it-Torri ta' San Ġwann, Triq Arċisqof Gonzi, Triq Paċifiku Scicluna, Triq La Vallette, Triq Desain u Triq Fabrizio Sciberras.

Trasport pubbliku se jkun ukoll affettwat mill-4.00 p.m. sal-11.00 p.m.

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Marzu, 2024 mis-6.00 a.m. sas-7.00 p.m. minn Triq il-Mina l-Kbira, Triq it-Torri ta' San Ġwann, Triq Arċisqof Gonzi, Triq Pacifiku Scicluna, Triq San Filippu u Pjazza tal-Belt Vittoriosa.

Trasport pubbliku se jkun ukoll affettwat mid-9.30 a.m. sas-6.00 p.m.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-26 ta' Jannar, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 20

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Ħaż-Żabbar

Nhar is-Sibt, 27 ta' Jannar, 2024 mis-7.30 a.m. sad-9.00 a.m. minn Triq is-Santwarju.

Vittoriosa

On Sunday, 8th March, 2024 from 3.00 p.m. till 9.00 p.m. through Triq San Lawrenz, Triq San Filippu and Triq il-Mina il-Kbira.

Public transport shall also be affected from 6.15 p.m. till 9.00 p.m.

On Friday, 22nd March, 2024 from 2.00 p.m. till 9.00 p.m. through Triq il-Lunzjata and Triq il-Mina il-Kbira.

Public transport shall also be affected from 5.30 p.m. till 8.30 p.m.

On Wednesday, 27th March, 2024 from 4.00 p.m. till 10.30 p.m. through Triq il-Mina l-Kbira.

Public transport shall also be affected from 7.30 p.m. till 10.30 p.m.

On Friday, 29th March, 2024 from 11.00 a.m. till 11.30 p.m. through Triq il-Mina l-Kbira, Triq it-Torri ta' San Ġwann, Triq Arċisqof Gonzi, Triq Paċifiku Scicluna, Triq La Vallette, Triq Desain and Triq Fabrizio Sciberras.

Public transport shall also be affected from 4.00 p.m. till 11.00 p.m.

On Sunday, 31st March, 2024 from 6.00 a.m. till 7.00 p.m. through Triq il-Mina l-Kbira, Triq it-Torri ta' San Ġwann, Triq Arċisqof Gonzi, Triq Pacifiku Scicluna, Triq San Filippu and Pjazza tal-Belt Vittoriosa.

Public transport shall also be affected from 9.30 a.m. till 6.00 p.m.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

26th January, 2024

POLICE NOTICE

No. 20

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħaż-Żabbar

On Saturday, 27th January, 2024 from 7.30 a.m. till 9.00 a.m. through Triq is-Santwarju.

Ħruġ tat-trasport pubbliku minn Ħaż-Żabbar huwa projbit mis-7.30 a.m. sad-9.00 a.m.

Santa Luċija

Kull moviment veħikulari (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit f'dawn id-dati u ħinijiet hawn taħt:

Nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Frar, 2024 mill-11.00 a.m. sal-4.00 p.m. minn Dawret it-Torri (quddiem l-għassa tal-Pulizija)

Transport pubbliku mhux se jiġi affetwat.

Paola

Kull moviment veħikulari (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit f'dawn id-dati u ħinijiet hawn taħt:

Nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Jannar, 2024 mill-5.00 p.m. sad-9.00 p.m. minn Triq Ġużè Damato.

Transport pubbliku mhux se jiġi affetwat.

Nhar l-Erbgħa, 14 ta' Frar, 2024 mill-5.30 p.m. sas-7.00 p.m. mill-Knisja Santa Ubaldeska, Triq l-Arkata, Triq it Tramuntana, Triq Ninu Cremona u Pjazza Antoine de Paule sal-Bażilika.

Nhar is-Sibt, 9 ta' Marzu, 2024 mill-4.00 p.m. sad-9.00 p.m. minn Triq Ħal Saflieni, Triq iċ-Ċimiterju, Triq Melita, Triq Palma, Triq Sant' Ubaldeska, triq Ninu Cremona u Pjazza Antoine De Paul.

Nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Marzu, 2024 mit-3.30 p.m. sat-8.00 p.m. minn Vjal il-Knisja, Triq Temi Zammit, Triq Ġużè D'Amato u Pjazza Antoine De Paul.

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Marzu, 2024 mis-6.30 a.m. sal-10.30 a.m. minn Triq l-Arkata, Triq Sant' Ubaldeska u Triq Ninu Cremona.

Nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Marzu, 2024 mis-2.00 p.m. sal-10.00 p.m. minn Pjazza Antoine De Paul, Triq Sammat, Triq Lampuka, Triq Zabbar, Triq Schreiber, Triq San Ġorġ, Triq San Ġużepp, Triq Mater Boni Consilii u Triq Bormla.

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Marzu, 2024 mis-6.00 a.m. sa nofsinhar minn Triq il-Knisja, Triq il-Qalb ta' Ġesù, Triq tal-Borg, Triq is-Sorijiet, Triq Mater Boni Consilii, Triq il-Malvizz, Triq il-Gurbell, Triq San Mikiel, Triq Ħaż-Żabbar, Vjal it-28 ta' April, Triq Bormla u Pjazza Antoine De Paul.

Transport pubbliku se jiġi affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-26 ta' Jannar, 2024

Public transport exit from Ħaż-Żabbar is prohibited from 7.30 a.m. till 9.00 a.m.

Santa Luċija

All traffic movement (transit and parking) is prohibited in the date and time hereunder:

On Friday, 2nd February, 2024 from 11.00 a.m. till 4.00 p.m. through Dawret it-Torri (in front of Police station).

Public transport will not be affected.

Paola

Any vehicular movement (transit and parking) is prohibited in the below dates and times:

On Friday, 26th January, 2024 from 5.00 p.m. till 9.00 p.m. through Triq Ġużè Damato.

Public transport will not be affected.

On Wednesday, 14th February, 2024 from 5.30 p.m. till 7.00 p.m. through Santa Ubaldeska church, Triq l-Arkata, Triq it Tramuntana, Triq Ninu Cremona and Pjazza Antoine de Paule sal-Bażilika.

On Saturday, 9th March, 2024 from 4.00 p.m. till 9.00 p.m. through Triq Ħal Saflieni, Triq iċ-Ċimiterju, Triq Melita, Triq Palma, Triq Sant' Ubaldeska, triq Ninu Cremona and Pjazza Antoine De Paul.

On Friday, 22nd March, 2024 from 3.30 p.m. till 8.00 p.m. through Vjal il-Knisja, Triq Temi Zammit, Triq Ġużè D'Amato and Pjazza Antoine De Paul.

On Sunday, 24th March, 2024 from 6.30 a.m. till 10.30 a.m. through Triq l-Arkata, Triq Sant' Ubaldeska and Triq Ninu Cremona.

On Friday, 29th March, 2024 from 2.00 p.m. till 10.00 p.m. through Pjazza Antoine De Paul, Triq Sammat, Triq Lampuka, Triq Zabbar, Triq Schreiber, Triq San Ġorġ, Triq San Ġużepp, Triq Mater Boni Consilii and Triq Bormla.

On Sunday, 31st March, 2024 from 6.00 a.m. till noon through Triq il-Knisja, Triq il-Qalb ta' Ġesù, Triq tal-Borg, Triq is-Sorijiet, Triq Mater Boni Consilii, Triq il-Malvizz, Triq il-Gurbell, Triq San Mikiel, Triq Ħaż-Żabbar, Vjal it-28 ta' April, Triq Bormla and Pjazza Antoine De Paul.

Public transport will be affected.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

26th January, 2024

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA
U L-INNOVAZZJONI

Kunsill ELT

Eżerċizzju ta' Monitoraġġ 2024

Espressjoni ta' Interess

Il-Kunsill ELT jinnotifika lil persuni kkwalifikati u b'esperjenza fl-industrija tal-ELT biex jissottomettu l-Espressjoni ta' Interess tagħhom biex jipparteċipaw f'eżerċizzju ta' monitoraġġ ta' numru ta' skejjel, annessi, fornituri tat-tagħlim mill-bogħod u fornituri tat-tagħlim fid-dar li huma liċenzjati f'Malta u Għawdex fis-sajf tal-2024. Dan l-eżerċizzju ta' monitoraġġ għandu jitwettaq f'konformità mal-Politika dwar iż-Żjarat fl-Iskejjel Akkademiċi u L.N. 221 tal-2015.

Il-kandidati magħżula se jkunu mistennija li:

1. jattendu sessjonijiet ta' taħriġ u laqgħat fir-rigward tad-dmirijiet li għandhom jitwettqu;

2. iwettqu eżerċizzju sħiħ ta' monitoraġġ ta' numru ta' skejjel, annessi, fornituri tat-tagħlim mill-bogħod u fornitur tat-tagħlim fid-dar li huma liċenzjati bejn Lulju u Settembru 2024;

3. josservaw u jevalwaw il-lezzjonijiet minn perspettiva akkademika;

4. jippreżentaw lill-Kunsill ELT ir-rapporti individwali kollha tal-iskola/tal-anness/tat-tagħlim mill-bogħod/tat-tagħlim fid-dar iffirmati kif dovut; u

5. iħejju rapport ġenerali li għandu jinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-iskejjel, l-annessi, il-fornituri tat-tagħlim mill-bogħod u l-fornituri tat-tagħlim fid-dar.

Sal-ħin tal-għeluq u d-data ta' din l-Espressjoni ta' Interess, l-applikanti għandu jkollhom:

minimu ta' ħames (5) snin esperjenza akkademika fis-settur tal-ELT;

kwalifika tal-Livell 7 rikonoxxuta internazzjonalment fl-ELT (eż. Masters f'TESOL/ELT/TEFL; Cambridge ESOL DELTA, jew Trinity CollegeDip. TESOL);

MINISTRY FOR EDUCATION
YOUTH, RESEARCH
AND INNOVATION

ELT Council

Monitoring Exercise 2024

Expression of Interest

The ELT Council notifies persons who are qualified and experienced in the ELT industry to submit their Expression of Interest in participating in a monitoring exercise of a number of licenced ELT schools, annexes, distance learning providers and home tuition providers in Malta and Gozo in summer 2024. This monitoring exercise is to be carried out in line with the Academic School Visits Policy and L.N. 221 of 2015.

Successful candidates will be expected to:

1. attend training sessions and meetings in relation to duties to be performed;

2. conduct complete monitoring exercise of a number of licensed schools, annexes and distance learning providers between July and September 2024;

3. observe and evaluate lessons from an academic perspective;

4. submit all duly signed individual school/annexe/distance learning/home tuition reports to the ELT Council; and

5. prepare an overall report which should include specific recommendations for all schools, annexes, distance learning providers and home tuition providers.

By the closing time and date of this Expression of Interest, applicants must possess:

a minimum of five (5) years' academic experience in the ELT sector;

an internationally-recognised Level 7 qualification in ELT (e.g., Masters in TESOL/ELT/TEFL; Cambridge ESOL DELTA, or Trinity College Dip. TESOL);

esperjenza preċedenti bħala osservatur fil-klassi jew fit-taħriġ tal-għalliema jew esperjenza fi dmirijiet tal-assigurazzjoni tal-kwalità f'ambjenti edukattivi;

ħiliet ta' kitba eċċellenti fil-lingwa Ingliża.

Il-kandidati magħżula m'għandhomx ikunu involuti fl-ebda skola tal-ELT fis-6 xhur ta' qabel.

Remunerazzjoni

Rata ta' €100 għal kull eżerċizzju ta' monitoraġġ indipendenti u mingħajr assoċjazzjoni tal-fornitur ta' skola ELT/DLP/HTP u €75 għal kull żjara fi skola FELTOM, iż-żewġ rati jinkludu l-ħlasijiet relatati kollha iżda jeskludu l-VAT. Ir-rati msemmija jkopru ż-żjarat, il-kitba tar-rapporti u l-preżentazzjoni tar-rapport/i.

Il-kandidati jistgħu jkunu meħtieġa jipparteċipaw f'sessjonijiet ta' taħriġ, laqgħat, u żjarat ta' segwitu. Se titħallas miżata standard ta' remunerazzjoni ta' €75 għal kull attività.

Il-persuni interessati għandhom jissottomettu l-applikazzjoni sa mhux aktar tard minn nofsinhar (12.00 CET) tat-Tnejn, 12 ta' Frar, 2024, CV pertinenti għar-rwol, u paragrafu ta' 100 kelma li jiddikjara għaliex huma jqisu lilhom infushom eliġibbli li jieħdu dan l-inkarigu. L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu lil:

Il-Kunsill ELT
Bice Mizzi Vassallo Complex
Triq Alamein,
Pembroke, Malta

L-envelops għandhom jiġu mmarkati 'Espressjoni ta' Interess'.

Indirizz elettroniku: (info.eltcouncil@gov.mt)

Is-26 ta' Jannar, 2024

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Kunsill ELT

Espressjoni ta' Interess

Espert għas-Servizzi ta' Monitoraġġ u Assigurazzjoni tal-Kwalità fir-Rigward tal-Iskejjel ELT

Il-Kunsill ELT qed ifittex individwu xieraq b'għarfien espert fl-assigurazzjoni tal-kwalità biex jevalwa l-Eżerċizzju ta' Monitoraġġ imwettaq mill-Kunsill ELT fuq bażi annwali.

previous experience as a classroom observer or teacher trainer or experience in quality assurance duties in educational environments;

excellent writing skills in the English language.

Selected candidates will not have been involved with any ELT school for the previous 6 months.

Remuneration:

A rate of €100 per non-associated independent ELT school/DLP provider/HTP provider monitoring exercise and €75 per FELTOM school visited, both rates include all related charges but exclude VAT. The said rates cover visits, report writing and submission of report/s.

Candidates may be required to participate in training sessions, meetings, and follow-up visits. A standard remuneration fee of €75 will be paid for each activity.

Interested persons are to submit an application by not later than noon (12.00 CET) of Monday, 12th February, 2024, a CV pertinent to the role, and a 100-word paragraph stating why they consider themselves eligible to take on this assignment. Applications should be sent to:

ELT Council
Bice Mizzi Vassallo Complex
Triq Alamein
Pembroke, Malta

Envelopes are to be marked 'Expression of Interest'.

Email address: (info.eltcouncil@gov.mt)

26th January, 2024

MINISTRY FOR EDUCATION
YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

ELT Council

Expression of Interest

Expert for Monitoring Services and Quality Assurance in Relation to ELT Schools

The ELT Council is seeking a suitable individual with expertise in quality assurance to evaluate the Monitoring Exercise conducted by the ELT Council on an annual basis.

Ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà għal servizzi bħal dawn jinkludu:

rakkomandazzjonijiet għall-aġġustamenti u t-titjib tal-Eżerċizzju ta' Monitoraġġ;

spezzjonijiet u ttestjar tal-għodod li qed jintużaw għall-Eżerċizzju ta' Monitoraġġ;

rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill ELT relatati mal-proċeduri tal-Eżerċizzju tal-Monitoraġġ u tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità;

twettiq ta' kwalunkwe dmir ieħor assenjat mill-Kunsill ELT fir-rigward tal-eżerċizzju ta' monitoraġġ u l-proċeduri tal-assigurazzjoni tal-kwalità.

Rekwiżiti:

minimu ta' ħames (5) snin esperjenza akkademika fis-settur tal-ELT;

mill-inqas tliet (3) snin esperjenza fl-ispezzjoni tal-iskejjel ELT;

kwalifika ta' Livell 7 rikonoxxuta internazzjonalment fl-ELT (eż., Masters fit-TESOL/ELT/TEFL; Cambridge ESOL DELTA, jew Trinity College Dip. TESOL);

esperjenza preċedenti bħala osservatur fil-klassi jew fit-taħriġ tal-għalliem jew esperjenza fi dmirijiet tal-assigurazzjoni tal-kwalità f'ambjenti edukattivi;

attenzjoni għad-dettall.

Il-kandidati magħżula m'għandhomx ikunu involuti fl-ebda skola tal-ELT fis-6 xhur ta' qabel.

Remunerazzjoni:

Rata ta' €25.00 fis-siegħa għal massimu ta' €1,500.00 fis-sena se titħallas mal-preżentazzjoni tal-fattura u rekord tad-dmirijiet.

Is-sottomissjonijiet għall-kunsiderazzjoni għandhom isiru billi tintbagħat ittra elettronika b'CV mehmuża flimkien mal-evidenza tar-rekwiżiti ta' hawn fuq sa nofsinhar (CET) tat-Tnejn, 12 ta' Frar, 2024, lil (info.eltcouncil@gov.mt).

Is-26 ta' Jannar, 2024

The eligibility requisites for such services include:

recommend adjustments and improvements to the Monitoring Exercise;

inspect and test tools being used for the Monitoring Exercise;

make recommendations to the ELT Council related to the Monitoring Exercise and Quality Assurance procedures;

perform any other duty assigned by the ELT Council in relation to the monitoring exercise and quality assurance procedures.

Requirements:

a minimum of Five (5) years' academic experience in the ELT sector;

at least three (3) years' experience in ELT School inspection;

an internationally-recognised Level 7 qualification in ELT (e.g., Masters in TESOL/ELT/TEFL; Cambridge ESOL DELTA, or Trinity College Dip. TESOL);

previous experience as a classroom observer or teacher trainer or experience in quality assurance duties in educational environments;

attention to detail.

Selected candidates will not have been involved with any ELT school for the previous 6 months.

Remuneration:

A rate of €25.00/hour for a maximum of €1,500.00 per annum will be paid on presentation of invoice and log of duties.

Submissions for consideration are to be made by emailing a CV along with evidence of the above requirements by noon (CET) of Monday, 12th February, 2024, to (info.eltcouncil@gov.mt).

26th January, 2024

MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

Post ta' Assistant Manager (Geographic Information System) fil-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Assistant Manager (Geographic Information System) fl-Information Management Unit fil-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur.

2.2 Waqt il-perjodu ta' probation/prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju ta' Assistant Manager (Geographic Information System) li jidħol fil-grad bir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà ta' paragrafu 4.1 (iii) (a) jew (iii) (c) huwa ta' Skala ta' Salarju 12, li fis-sena 2024 huwa ta' €21,236.00 fis-sena, li jiżdied bi €354.00 fis-sena sa massimu ta' €23,360.00.

2.4 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 12 titla' għal Skala 11, li fis-sena 2024 hija ekwivalenti għal €22,642.98 fis-sena, li tiżdied b'żidiet annwali ta' €375.17 sa massimu ta' €24,894.00, mal-kisba ta' Diploma fil-Livell 5 tal-MQF kif imsemmija fil-paragrafu 4.1(iii) (b).

2.5 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager li tissodisfa l-klawsola 4.1 (iii) (b) titpoġġa fi Skala ta' Salarju 11, u titla' fi Skala 10 (€24,085.98 x €407.67 - €26,532.00) fis-sena 2024 wara tliet (3) snin servizz bħala Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 11, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.6 Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor fil-qasam tal-Geographic Information System, skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE, THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

Post of Assistant Manager (Geographic Information System) in the Ministry for the National Heritage, the Arts and Local Government

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary, Ministry for the National Heritage, the Arts and Local Government, invites applications for the post of Assistant Manager (Geographic Information System) in the Information Management Unit within the Ministry for the National Heritage, the Arts and Local Government.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of six (6) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Assistant Manager (Geographic Information System) for those applicants entering into the grade under the eligibility provisions of paragraph 4.1 (iii) (a) or (iii) (c) is Salary Scale 12, which in the year 2024 is equivalent to, €21,236.00 per annum, rising by annual increments of €354.00 up to a maximum of €23,360.00.

2.4 An Assistant Manager in Salary Scale 12 will progress to Scale 11, which in the year 2024 is equivalent to €22,642.98 per annum, rising by annual increments of €375.17 up to a maximum of €24,894.00, on attainment of the MQF Level 5 Diploma referred to in paragraph 4.1 (iii) (b).

2.5 An Assistant Manager who satisfies the eligibility provision of paragraph 4.1 (iii) (b) will be placed in Salary Scale 11, and will progress to Scale 10 (€24,085.98 x €407.67 - €26,532.00) in the year 2024 on completion of three (3) years service as Assistant Manager in Salary Scale 11, subject to satisfactory performance.

2.6 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at their own request to carry out duties elsewhere in Geographic Information System, in accordance with established vacancies.

2.7 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Assistant Manager (Geographic Information System) jinkludu li:

i. Juża l-kompjuter sabiex jagħmel xogħol fuq database u GIS software, applikazzjonijiet bħal ECDL, ArcGIS, QGIS, Microsoft Access, u software ieħor użat mill-Information Management Unit;

ii. Jagħmel referenzi ġeografiċi tad-data eżistenti fil-Unit (referenzar tad-data eżistenti f'sistema ta' kordinati assoluti);

iii. Jassisti lill-Information Management Unit biex jikkordina u jipprepara applikazzjonijiet għall-aħjar użu ta' analiżi u studji ta' fattibiltà għat-twaqqif tas-sistemi tal-GIS fi ħdan il-Ministeru;

iv. Jassisti fl-iżvilupp ta' data ġeografika u spazjali li tissodisfa r-rekwiżiti fl-Information Management Unit;

v. Jagħmel korsijiet ta' taħriġ fid-disinn spazjali, GIS, GPS, eċċ., kif jista' jkun meħtieġ;

vi. Jassisti lill-Information Management Unit fiż-żamma għall-kontroll tal-kwalità tad-direttorji tad-data tal-geodata;

vii. Jassisti lill-Information Management Unit fil-ġbir u l-manteniment ta' data ġeografika skont l-esiġenzi tal-Unit (aġġornamenti tas-sistema, aġġornament kontrattwali, eċċ.);

viii. Jaħdem fuq it-tkabbir ta' disinn u żvilupp u ġestjoni ta' database, u preparazzjoni ta' attivitajiet ta' disseminazzjoni;

ix. Juża l-Microsoft Access skont il-bżonn;

x. Jassisti lill-Information Management Unit fil-preparazzjoni ta' preżentazzjonijiet ta' kwalità għolja dwar is-suġġett, inkluż użu tajjeb tal-Microsoft Power Point u preżentazzjonijiet oħra mid-data provduta mis-superjuri tiegħu/tagħha;

xi. Jassisti lill-Information Management Unit fl-iġġenerar, il-ġabra u t-trasferiment tad-data kollha f'sistema li biha jkun jista' jintraċċa l-istess data;

xii. Jattendi kif meħtieġ u jżomm aġġornat mal-programmi varji fuq GIS tas-Servizz Pubbliku bħal Sintegram inklużi kwalunkwe żviluppi, possibbiltajiet ta' taħriġ bl-użu ta' tagħmir li jkun kondiviż. L-informazzjoni miksuba għandha tkun disseminata fil-Unit;

2.7 The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

Duties

3. The job duties for the post of Assistant Manager (Geographic Information System) include;

i. Uses the computer, and works with database and GIS software and applications, such as ECDL, ArcGIS, QGIS, Microsoft Access and other software used by the Information Management Unit;

ii. Geo-references existing data at the Information Management Unit (references existing data into an absolute co-ordinate system);

iii. Assists the IMU in coordinating and prepare applications for best use of analysis and feasibility studies for setting up of GIS systems within the Ministry;

iv. Assists in developing geographic and spatial datasets to meet Information Management Unit's requirements;

v. Participates in training courses in spatial design, GIS, GPS, etc. as necessary;

vi. Assists the Information Management Unit in maintaining quality control and data directories of geodata;

vii. Assists the Information Management Unit in collating and maintaining geographic datasets to meet the Unit's requirements (Updating the system, contractual updates, etc.);

viii. Expands further database design development and management and prepares dissemination activities;

ix. Makes use of Microsoft Access as necessary;

x. Assists the Information Management Unit in preparing High Quality, Microsoft Power Point presentations, other presentations from data provided by his/her superiors;

xi. Assists the Information Management Unit in generating, collating and transferring all data to a tracking system;

xii. Attends, as necessary and keeps updated with various Public Service GIS programmes/projects such as the Sintegram process including any developments, training possibilities, make use of shared equipment. The information gained has to be disseminated within the Unit;

xiii. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xiv. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet

xiii. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xiv. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted Long-term resident status in Malta under regulation 4 of the Status of Long-term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006 or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the Family Reunification Regulations, 2007; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment

fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw/ikunu profiċjenti bil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża;

iii. a. fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 4 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 120 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fil-Geomatics.

JEW

b. fil-pussess ta' Diploma rikonoxxuta komparabbli fil-Livell 5 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fil-Geomatics jew Geographic Information System jew Ġeografija jew Spatial Analysis jew Information Technology jew kwalifika professjonali komparabbli rikonoxxuta f'Livell tal-MQF fl-Information Technology.

JEW

c. (i) fil-pussess ta' żewġ (2) suġġetti fil-Livell Avvanzat u tliet (3) suġġetti fil-Livell Intermedju tal-Matrikola (li għandhom jinkludu tnejn (2) minn dawn is-suġġetti: Ġeografija jew Information Technology jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta.

JEW

(ii) fil-pussess ta' tliet (3) suġġetti fil-Livell Avvanzat (li jrid jinkludi wieħed minn dawn is-suġġetti: Ġeografija jew Information Technology.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 120/60 krettu ECTS/ECVET, hekk kif applikabli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anki jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

Kandidati magħżula li huma fil-pussess ta' kwalifika rikonnoxxta fil-Livell 4 tal-MQF (kwalifika jew żewġ suġġetti fil-Livell Avvanzat flimkien ma' tliet suġġetti fil-Livell Intermedju tal-Matrikola jew fil-pussess ta' tliet (3) suġġetti fil-Livell Avvanzat, jew kwalifika rikonoxxuta komparabbli), fl-oqsma indikati fil-paragrafu 4.1 (iii) (a) jew (c) jidħlu bħala Assistant Manager (Skala ta' Salarju 12). Mal-akkwist ta' Diploma rilevanti fil-Livell 5 tal-MQF f'oqsma relatati, dawn

licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in/proficient in the Maltese and English languages;

iii. a. in possession of a recognised qualification MQF Level 4 (subject to a minimum of 120 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Geomatics.

OR

b. in possession of a recognised Diploma at MQF Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Geomatics or Geographic Information Systems or Geography or Spatial Analysis or Information Technology or a recognised comparable professional qualification at MQF Level 5 in Information Technology.

OR

c. (i) In possession of two (2) subjects at Advanced Level and three (3) subjects at Intermediate Matriculation Level (which must include two (2) of the following subjects: Geography or Information Technology or a recognised pertinent comparable qualification.

OR

(ii) In possession of three (3) subjects at Advanced Level (which must include one of the following subjects: Geography or Information Technology.

*A recognised qualification comparable to 120/60 ECTS/ECVET credits, as applicable, is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

Successful candidates who are in possession of a recognised MQF Level 4, (qualification or two subjects at Advanced Level and three subjects at Intermediate Matriculation Level, or in possession of three (3) subjects at Advanced Level, or a recognised comparable qualification) in the areas highlighted in 4.1 (iii) (a) or (c), shall enter as Assistant Manager (Salary Scale 12). Upon possession of a relevant MQF Level 5 in related areas such officers shall

l-uffiċjali jipprogressaw għal Assistant Manager (Skala ta' Salarju 11). Il-progressjonijiet l-oħra kollha għandhom ikunu skont id-dispożizzjonijiet indikati fid-dokument li jismu 'Working Conditions for Officers within the Managerial Stream for Qualified Personnel'.

4.2 (i) Kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3 Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 (a) sa 4.1 (c) jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_01_10_01_24_19_GPMT.pdf), xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Ottubru, 2024. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

4.4 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

progress to Assistant Manager (Salary Scale 11). All other progressions shall be in accordance with the provisions stipulated in the document entitled 'Working Conditions for Officers within the Managerial Stream for Qualified Personnel'.

4.2 (i) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraphs 4.1 (a) to 4.1 (c) or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_01_10_01_24_34_GPENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st October, 2024. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

4.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Frar, 2024. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director Corporate Services, Ministry for the National Heritage, the Arts and Local Government, through the Online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 9th February, 2024. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result; medical examination;

eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_01_10_01_24_19_GPMT.pdf) jew jinkisbu mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi, 35, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-direttorat huma (www.mhal.gov.mt) u (hr.mhal@gov.mt).

Is-26 ta' Jannar, 2024

MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI,
L-ARTI U L-GVERN LOKALI

**Post ta' Manager I (Riżorsi Umani)
fil-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali,
l-Arti u l-Gvern Lokali**

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għal Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Manager I (Riżorsi Umani) fid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, fil-Ministeru għal Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xhar.

2.2 Waqt il-perjodu ta' probation/prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju ta' Manager I (Riżorsi Umani) huwa ta' Skala ta' Salarju 10, li fl-2024 huwa ta' €24,085.98 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €26,532.

2.4 Persuna fil-grad ta' Manager I fi Skala ta' Salarju 10 titla' sa Skala ta' Salarju 7(€28,855.98 x €531.17 - €32,043 fis-sena 2024) wara għaxar (10) snin servizz bħala Manager I fi Skala ta' Salarju rispettiv, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Il-persuni maħtura jkunu intitolati wkoll għal ħlas annwali marbut mal-prestazzjoni sa massimu ta' 10% tas-

the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_01_10_01_24_34_GPENG.pdf) or may be obtained from 35, Triq l-Ifran, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving directorate are (www.mhal.gov.mt) and (hr.mhal@gov.mt).

26th January, 2024

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE,
THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

Post of Manager I (Human Resources) in the Ministry for the National Heritage, the Arts and Local Government

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary, Ministry for the National Heritage, the Arts and Local Government, invites applications for the post of Manager I (Human Resources) in the Local Government Division in the Ministry for the National Heritage, the Arts and Local Government.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Manager I (Human Resources) is Salary Scale 10, which in year 2024 is €24,085.98 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €26,532.

2.4 A Manager I in Salary Scale 10 will progress up to Salary Scale 7 (€28,855.98 x €531.17 - €32,043 in 2024) on completion of ten (10) years of service as Manager I in the respective Salary Scale, subject to satisfactory performance.

2.5 Appointees will also be entitled to the payment of an annual performance bonus of up to a maximum of 10% of

salarju bażiku tagħhom, marbut ma' xogħol sodisfaċenti u suġġett għall-politiki tal-amministrazzjoni ċentrali li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

2.6 Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor fil-qasam tar-Riżorsi Umani, skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

2.7 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

Dmirijiet

3.1 L-oġġettivi tal-post huma li jappoġġjaw il-funzjonijiet kollha tal-immaniġġjar tar-Riżorsi Umani inkluż l-ippjanar tar-Riżorsi Umani, konformità tal-proċessi delegati u mmaniġġjar ta' ġestjoni tar-rekords/data/statistika aġġornati tal-impjegati li fuqhom jittieħdu d-deċiżjonijiet strateġiċi tar-riżorsi umani. Dan ir-rwol huwa kumplimentari għal dak tal-People Management.

3.2 Id-dmirijiet għall-post ta' Manager I (Riżorsi Umani) jinkludu li:

i. Jappoġġja lis-superjur bil-monitoraġġ tal-funzjonijiet delegati tal-politiki, il-programmi u l-prattiki kollha tar-riżorsi umani biex tiġi żgurata l-konformità mal-politiki ċentrali fil-ministeru kollu;

ii. Jassisti lis-superjur fit-twettiq ta' dmirijiet relatati mar-reklutaġġ, il-promozzjonijiet u l-progressjonijiet tal-impjegati kif u meta meħtieġ;

iii. Jassisti fil-ħolqien tal-listi ta' kontroll u l-Proċeduri Operattivi Standard biex tittejjeb l-aderenza mal-proċessi, il-proċeduri u r-regolamenti biex jitnaqqsu r-riskji ta' nuqqas ta' konformità;

iv. Jikkordina u jwettaq kontrolli ta' konformità kostanti u regolari biex jiżgura li l-politiki stabbiliti jkunu qed jiġu osservati, u jsegwi l-implimentazzjoni f'waqtha tal-miżuri korrettivi meħtieġa;

v. Jassisti superjuri fl-allinjament bejn l-istrateġija tar-Riżorsi Umani u l-għanijiet tan-negozju, jikkontribwixxi għall-Analiżi tal-Ħtiġiet ta' Taħriġ u jappoġġja programmi ta' ġestjoni tat-tibdil;

vi. Jikkordina u jipparteċipa fil-ġbir ta' data relatata mar-rekords tar-Riżorsi Umani tal-Ministeru billi jutilizza s-sistemi standard tad-data korporattiva Dakar HR għad-dħul, l-inkjesta u r-rappurtar tad-data;

his/her basic salary, subject to satisfactory performance and subject to Central Administration's policies in force from time to time.

2.6 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at their own request to carry out duties elsewhere in the area of Human Resources, in accordance with established vacancies.

2.7 The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

Duties

3.1 The objectives of the post are to support all Human Resources management functions including HR Planning, compliance with delegated processes and the management of updated employee records/data/statistics upon which strategic human resources management decisions are taken. The role is complementary to that of People Management.

3.2 The job duties for the post of Manager I (Human Resources) include:

i. Supports the superior with the monitoring of delegated functions of all human resources policies, programmes, and practices to ensure compliance with central policies across the ministry;

ii. Assists the superior in performing duties related to the recruitment, promotions and progressions of employees as and when required;

iv. fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti) f'Nursing/Mental Health Nursing jew l-ekwivalenti tiegħu kif stabbilit mid-Dipartiment tas-Saħħa wara konsultazzjoni mal-Kunsill tal-Infermiera u l-Qwiebel **U** jkollhom ċertifikat ta' reġistrazzjoni mal-Kunsill tal-Infermiera u Qwiebel (Malta) bħala Infermiera fl-Ewwel Livell (First level Nurse), jew ikollhom isimhom imniżżel fit-Taqsimiet Speċjali tar-Reġistru miżmum mill-Kunsill tal-Infermiera u Qwiebel (Malta) għar-rigward ta' Infermiera mħarrġa f'oqsma speċjali differenti rikonoxxuti mill-imsemmi Kunsill.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_01_10_01_24_19_GPMT.pdf) xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sat-28 ta' Frar, 2025. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

4.3. Uffiċjali pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

iii. in possession of a recognised qualification at MQF level 5 with a minimum of 60 ECTS/ECVET credits or equivalent in Nursing/Mental Health Nursing AND in possession of a certificate of registration as First Level Nurse with the Council for Nurse and Midwives (Malta), or be listed in the Special Parts of the Register held by the Council for Nurses and Midwives (Malta) in respect of nurses trained in the different special areas recognised by the said Council;

OR

iv. in possession of a recognised qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits or equivalent) in Nursing/Mental Health Nursing, or its equivalent as determined by the Department of Health following consultation with the Council of Nurses and Midwives AND in possession of a certificate of registration as First Level Nurse with the Council for Nurses and Midwives (Malta), or be listed in the Special Parts of the Register held by the Council for Nurses and Midwives (Malta) in respect of nurses trained in the different special areas recognised by the said Council

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraph 4.1 or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_01_10_01_24_34_GPENG.pdf will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 28th February, 2025. If the deadline for obtaining the said qualification is not reached, the appointment, for this reason, will be automatically terminated

4.3 Public officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-klassi/linja tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/ pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.5 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, filwaqt li jagħtu d-dettalji.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.2, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi għall-attenzjoni tad-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the class/stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, what is required by this call for applications.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications

4.5 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 sa 4.2, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted for the attention of the Director General (People Management), Ministry for Health and Active Ageing, through the Online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should

Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Frar, 2024. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_01_10_01_24_19_GPMT.pdf) jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit u l-indirizz elettroniku tad-Diviżjoni huma (https://health.gov.mt) u (recruitment.health@gov.mt).

Is-26 ta' Jannar, 2024

include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 16 February, 2024. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_01_10_01_24_34_GPENG.pdf) or may be obtained from the People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website and email address of the receiving Division are (https://health.gov.mt) and (recruitment.health@gov.mt).

26th January, 2024

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Post ta' Kap ta' Skola fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni biex iservi f'Għawdex

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal mhuwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, l-MEYR jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR), jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Kap ta' Skola (Iservi fil-Mainstream) fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni biex iservi f'Għawdex.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1. Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2. Is-salarju ta' Kap ta' Skola huwa ta' Skala ta' Salarju 5, li fis-sena 2024 huwa ta' €32,533.98 fis-sena, li jiżdied b'€640.67 fis-sena sa massimu ta' €36,378.00.

2.3. Persuna maħtura tkun intitolata għal tali benefiċċji oħra, u suġġetta għal tali kundizzjonijiet u obbligi oħra kif jistgħu jkunu stipulati fi kwalunkwe ftehim pertinenti bejn il-Gvern u l-union kompetenti.

Dmirijiet

3.1 Ir-responsabbiltà prinċipali ta' Kap ta' Skola huwa li jservi bħala l-Mexxej Edukattiv u Operattiv tal-komunità tal-iskola rispettiva, bl-għan finali li jiżgura kwalità għolja u dispożizzjoni edukattiva ġusta li tissodisfa l-ħtiġiet differenti tal-istudenti kollha. Flimkien mal-membri l-oħra tat-Tim tal-Amministrazzjoni Għolja, il-Kap ta' Skola huwa responsabbli wkoll biex irawwem klima ta' kolleġġjalità ġenwina fost membri tal-komunità, jistabbilixxi r-ritmu permezz ta' tmexxija bi skop u jrawwem b'mod attiv il-Komunità ta' Edukaturi Professjonali, inkluż li juża tmexxija ffukata fl-Ippjanar għall-Iżvilupp tal-Iskola. L-għan ewlieni ta' Kap ta' Skola hu li:

a) jippromovi u jsegwi l-missjoni tal-iskola biex jipprovdi edukazzjoni ta' kwalità għolja olistika għall-istudenti kollha, jgħolli u jilħaq il-massimu tal-kisba, fuq livell individwali

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Post of Head of School in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation to serve in Gozo

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR) would like to remind all interested applicants that it has zero tolerance policy towards any form of child abuse. MEYR adheres to S.L. 327.546 (Recruitment, Initial Training and Continuous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in Compulsory Education Regulations 2016) in its recruitment process.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR), invites applications for the post of Head of School (Serving in Mainstream) within the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation to serve in Gozo.

Terms and Conditions

2.1. This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2. The salary for the post of Head of School is Salary Scale 5, which in the year 2024 is €32,533.98 per annum, rising by annual increments of €640.67 up to a maximum of €36,378.00.

2.3. An appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent union.

Duties

3.1 The core responsibility of the Head of School is to serve as the Educational and Operational Leader of the respective school's community, with the ultimate aim of ensuring a high quality and equitable educational provision which meets the diverse needs of all learners. Together with the other members of the Senior Management Team, the Head of School is also responsible to foster a climate of genuine collegiality amongst community members, setting the pace through purposeful leadership and active nurturing of a Community of Professional Educators, including through focused leadership in School Development Planning. The core role of the Head of School is to:

a) promote and pursue the mission of the school in providing an equitable, high quality holistic education for all students, raising and maximising the individual as well

kif ukoll dak kollettiv filwaqt li jnaqqas in-nuqqasijiet li jistgħu jippersistu;

b) jipprovdi tmexxija strateġika u direzzjoni għall-istaff u l-bqija tal-komunità tal-skola, kif ukoll l-andament ġenerali ta' kuljum tal-iskola;

c) jassumi r-rwol ewlieni fl-organizzazzjoni u l-kordinazzjoni tal-attivitajiet kollha relatati mal-iżvilupp u t-twassil tal-kurrikulu;

d) jiżviluppa u jżomm sikurezza fl-iskola b'mod emozzjonali, psikoloġiku u fiżiku, kif ukoll ordnat, permezz ta' ambjent kreattiv u stimulanti konjittiv li jwassal għat-tagħlim;

e) joħloq b'mod kollaborattiv u jrawwem Komunità ta' Edukaturi Professjonali, li jmexxi bl-eżempju permezz ta' parteċipazzjoni attiva;

f) imexxi l-iżvilupp edukattiv partikolarment fil-livell lokali, filwaqt li ġeneralment jikkontribwixxi fil-livell nazzjonali wkoll billi jservi bħala katalist għal bidla pożittiva.

Għanijiet Ġenerali

a) provvediment ta' tmexxija professjonali u assigurazzjoni fl-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali;

b) assigurazzjoni tal-impenn sħiħ, ta' skola sħiħa, għall-filosofija kurrikulari, valuri u oġġettivi permezz ta' tim skolastiku effettiv, ta' komunikazzjoni u ta' attitudni kollaborattiva fit-teħid tad-deċiżjonijiet;

c) tmexxija 'l quddiem tal-edukazzjoni olistika ta' kull student fl-iskola;

d) organizzazzjoni, immaniġġjar u kontroll b'mod effiċjenti u effettiv tar-riżorsi umani, fiżiċi u finanzjarji tal-iskola;

e) parteċipazzjoni f'laqgħat tal-Kunsill tal-Kapijiet tal-Kulleġġ u kollaborazzjoni ma' kapijiet oħra b'mod li jilħaq l-ogħla livell ta' networking taħt it-tmexxija tal-Prinċipal tal-Kulleġġ u tal-Kap tan-Network ta' Kulleġġ u skont id-direzzjoni u l-linji gwida stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti;

f) parteċipazzjoni fit-tifsil, il-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' proġetti li jagħmlu użu mill-fondi ta' UE għal sħubija ma' skejjel Ewropej.

Dmirijiet Ewlenin

a) jissawru, b'kollaborazzjoni mat-tim skolastiku, l-għanijiet tal-iskola, l-objettivi u policies konformi mal-

as the collective level of attainment whilst narrowing gaps that may persist;

b) provide strategic leadership and direction to staff and the rest of the school community, as well as the overall day-to-day management of the school;

c) assume a leading role in organising and coordinating all activities related to curriculum development and delivery;

d) develop and maintain an emotionally, psychologically and physically safe school, as well as orderly, through creative and cognitively stimulating environment that is conducive to learning;

e) collaboratively create and nurture a Community of Professional Educators, leading by example through active participation;

f) lead educational development particularly at the local level, whilst generally contributing at the national level also by serving as a catalyst for positive change.

Overall Purpose

a) to provide professional leadership and to ensure the implementation and the development of the National Curriculum Framework;

b) to secure whole-school commitment to the curricular philosophy, values and objectives through the effective school team building, communication and collaborative approach to decision-making;

c) to promote and further the holistic education of each student in the school;

d) to organise, manage and control efficiently and effectively the human, physical and financial resources of the school;

e) to participate in the meetings of the College Council of heads and to collaborate with other Heads of School in a manner that maximises networking under the leadership of the College Principal and Head of College Network and according to the direction and guidelines established by the competent authorities;

f) to participate in the design, formulation and implementation of projects that tap EU funding and establish partnerships with other schools in Europe.

Main Duties

a) to formulate, in a collaborative manner with the school team the school aims, objectives and policies in conformity

Att dwar l-Edukazzjoni, avviżi legali relatati, id-direttivi u r-regolamenti tal-awtoritajiet edukattivi u li jitmexxa t-tim tal-iskola kif xieraq;

b) bini ta' tim parteċipattiv u ta' proċess kolleġġjali li jwassal għat-tiswir u reviżjoni kontinwa tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Iskola;

c) jinbena u jinżamm mezz effettiv u miftuħ ta' komunikazzjoni fi ħdan il-komunità skolastika, ma' skejjel oħra fl-istess kulleġġ, mal-bord u l-amministrazzjoni tal-kulleġġ, mal-uffiċjali tad-direttorati/dipartimenti tal-Edukazzjoni, kif ukoll il-komunità tal-lokal u aġenziji oħra esterni;

d) jitmexxa l-ippjanar, l-organizzazzjoni u l-kordinazzjoni ta' inizjattivi u attivitajiet mal-kurrikulu u attivitajiet oħrajn matul is-sena flimkien ma' doveri oħra konnessi mal-kunsill tal-iskola skont il-liġijiet li jkunu fis-seħħ;

e) jinżamm aġġornat servizz ta' żvilupp professjonali kontinwu fil-qasam edukattiv u ta' tmexxija amministrattiva u ta' management u jitrawwem ir-rwol ta' mentor;

f) tiġi żgurata l-ordni u d-dixxiplina, tingħata l-għajnuna fis-soluzzjoni ta' konflitti, u titmexxa 'l quddiem ir-relazzjoni sana bejn l-istudenti, l-istaff u l-ġenituri;

g) tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' proċeduri stabbiliti ta' dixxiplina;

h) tiġi żgurata li l-parteċipanti fin-networks jikkomunikaw bla formalità żejda iżda b'mod strutturat;

i) jiġi żgurat li l-policies kollha jiġu fis-seħħ b'mod effettiv;

j) tiġi żgurata s-sistema ta' kura effettiva pastorali għall-istudent;

k) jiġi żgurat li t-tim ta' tmexxija maniġerjali jkun regolarment assenjat oqsma ta' ffukar għall-aħjar implimentazzjoni tal-policies tal-iskola u l-pjan ta' żvilupp;

l) issir superviżjoni tal-kwalità akkademika u pedagoġika tat-tagħlim;

m) kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

n) kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Żvilupp Kurrikulari

a) flimkien mat-tim ta' tmexxija maniġerjali u l-għalliema u b'konsultazzjoni mal-uffiċjali konċernati tad-direttorati/

with the Education Act and related legal notices and the directives and regulations of the education authorities and to lead the school team accordingly;

b) to facilitate a participatory team building and collegial process leading to the formulation and on-going review of the School Development Plan;

c) to build and maintain an effective and open channel of communication within the school community, with other schools in the college, with the college board and its administration, with officials of the Education directorates/departments, the local community and other external agencies;

d) to direct the planning, organisation and co-ordination of curricular and other related initiatives and activities throughout the year and performing duties connected with the school council in accordance with current legislation;

e) to keep abreast with on-going professional development in educational and administrative leadership and management and nurture the role of mentors;

f) to ensure order and discipline, help to resolve conflicts, and promote healthy relationships between students, staff and parents/guardians;

g) to ensure the timely implementation of established disciplinary procedures;

h) to ensure that network participants can communicate in an informal but well-structured manner;

i) to ensure that all policies are being carried out effectively;

j) to ensure the maintenance of an effective pastoral care system for students;

k) to ensure that members of the senior management team are regularly assigned focus areas for the better implementation of the school policies and development plan;

l) to supervise the academic and pedagogical quality of teaching and learning;

m) undertake any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

n) any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Curriculum Development

a) together with the senior management team and teachers and in consultation with the relevant personnel

dipartimenti tal-Edukazzjoni skont il-każ, jiġu deċiżi strateġiji għall-implimentazzjoni effettiva tal-Kurrikulu Nazzjonali, li jinkludu strateġiji tat-tagħlim, l-użu ta' riżorsi u servizzi edukattivi, l-għażla ta' kotba, eċċ.;

b) jinġiebu fis-seħħ mekkaniżmi ta' assigurazzjoni ta' kwalità li jżommu standards għolja ta' tagħlim fl-iskejjel;

c) jitmexxa 'l quddiem kurrikulu aktar għani permezz ta' attivitajiet organizzati sew ġewwa kif ukoll barra l-iskola;

d) jiġi żgurat li l-kurrikulu jinkludi attivitajiet olistiċi ta' tagħlim li jħaddnu d-diversi talenti u modi ta' tagħlim, abbiltajiet u potenzjali tal-istudenti kollha fl-iskola, u li jagħmlu użu sew mir-riżorsi tal-komunità tal-lokal kif ukoll dawk ta' organizzazzjonijiet nazzjonali, Ewropej u internazzjonali;

e) jiġu motivati u sapportjati kull kategorija ta' staff bil-għan li jitmexxew 'il quddiem l-opportunitajiet ta' edukazzjoni tul il-ħajja, inkluż żvilupp u promozzjoni fil-karriera.

Faċilitajiet għall-Istudent

a) jiġi faċilitat provvediment effettiv tas-servizzi psikosoċjali u ta' kura pastorali għall-istudent;

b) tinġieb fis-seħħ referral policy effettiva u proċeduri għall-istudenti li jeħtieġu servizzi speċjalizzati;

c) jiġu żviluppati u sostnuti proċeduri li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tal-istudent lejn u għall-iskola;

d) titmexxa 'l quddiem politika ta' skola inklussiva;

e) jitrawwem ambjent ta' sigurtà fl-iskola;

f) titmexxa 'l quddiem politika effettiva ta' parteċipazzjoni tal-istudent.

Tagħlim tal-Persunal

a) jitrawwem u jissaħħaħ l-iżvilupp tat-tim professjonali tal-iskola li jwassal għall-parteċipazzjoni attiva fit-teħid ta' deċiżjonijiet, għal azzjoni sussegwenti f'waqtha u jiġi faċilitat l-eżerċizzju ta' awtoevalwazzjoni tal-iskola;

b) tingħata l-opportunità lill-assistenti kapijiet f'diversi rwoli u xogħol ta' tmexxija; titmexxa l-induzzjoni ta' persunal ġdid u jiġu xprunati, imwieżna, żviluppati, monitorjati, evalwati u jingħata mentoring lill-istaff professjonali u staff ieħor;

in the Education directorates/departments, as appropriate, to determine strategies for the effective implementation of the National Curriculum, such as teaching and learning strategies, the use of educational resources and services, the selection of textbooks, etc.;

b) to implement quality assurance mechanisms that maintain high standards of teaching and learning in the school;

c) to promote the enrichment of the curriculum through activities organised within and outside school;

d) to ensure that the curriculum includes holistic learning activities that take into account the diverse talents and learning modes, abilities and potential of all students in the school, and into the resources of the local community as well as those of national, European and international organisations;

e) to motivate and support all categories of staff with the objective of pursuing lifelong learning opportunities, including career development and progression;

Student Matters

a) to facilitate the provision of effective psycho-social services and the effective delivery of pastoral care services for students;

b) to implement an effective referral policy and procedures for students requiring specialised services;

c) to develop and sustain procedures to facilitate the transition of students coming to and leaving school;

d) to promote an inclusive school policy;

e) to facilitate and nurture a safe school environment;

f) to promote an effective student participation policy;

Teaching Personnel

a) to nurture the development and maintenance of the professional school team leading to active participation in decision-making, and take timely follow-up action and facilitate school self-evaluation exercises;

b) to expose the assistant heads to the various roles and tasks of headship; directing the induction of new staff and motivating, supporting, developing, monitoring, acting as mentor, and appraising professional and non-professional staff;

c) tigwida l-proċessi tal-immaniġġjar, li jinkludi l-Performance Management Programme, sabiex ikunu żgurati l-kwalità u l-istandards akkademiċi u pedagoġiċi tat-tagħlim;

d) isir mentoring lil uffiċjali oħra li jappartjeni lill-iskola sew fuq bażi permanenti kif ukoll temporanju, sabiex ikun żgurat livell għoli ta' motivazzjoni u kwalità tas-servizz;

e) tkun integrata l-perspettiva tal-ġeneru fil-programmi u l-inizjattivi tal-iskola.

Rabta Bejn id-Dar, l-Iskola u l-Komunità

a) jinħolqu u jitmexxew 'il quddiem kuntatti mal-komunità tal-lokal u l-organizzazzjonijiet tagħha;

b) jitmexxa 'l quddiem l-involviment bikri tal-ġenituri fl-iżvilupp edukattiv ta' wliedhom, filwaqt li tingħata direzzjoni ċara lill-istaff li tinkoraġġihom biex ifittxu modi effettivi sabiex ikattru l-involviment tal-ġenituri fl-iżvilupp edukattiv u fl-attivitajiet kurrikulari tal-istudenti;

c) il-ġenituri/tuturi jiġu mħeġġa sabiex jinvolvu ruħhom f'opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja li jwasslu għal żvilupp personali filwaqt li jippromovu l-involviment tagħhom fil-ħajja komunitarja tal-iskola;

d) il-ġenituri jiġu mħeġġa sabiex isiru aktar konxji dwar ir-responsabbiltajiet tagħhom lejn il-ġid u l-benesseri ta' uliedhom u jiġi żgurat li huma josservaw bis-sħiħ ir-regolamenti tal-iskola kif ukoll dawk relatati mal-puntwalità sew fil-bidu kif ukoll fit-tmiem tal-ġurnata tal-iskola.

Amministrazzjoni

a) flimkien mal-assistant/i kap/ijiet, isir eżerċizzju annwali tal-klassifikazzjoni tal-iskola fejn ikun żgurat il-preparazzjoni tat-timetables, l-assenjar ta' klassijiet, ta' suġġetti u ta' responsabbiltajiet lill-għalliema;

b) ikun żgurat li d-doveri u x-xogħol ta' għalliema assenti jkun kopert u mqassam b'mod ekwu bejn l-għalliema kollha fl-iskola;

c) ikun żgurat li l-istatistika tal-iskola kif ukoll ir-rekords tal-istudenti u l-istaff ikunu kompilati u jinżammu aġġornati;

d) ikun żgurat il-provvediment ta' sistema funzjonali tar-rekords u tal-preżentata kif ukoll is-sottomissjoni f'waqtha ta' data u informazzjoni rikjesta minn entitajiet regolatorji, mill-bord tal-kulleġġ u entitajiet oħra awtorizzati;

e) b'kollaborazzjoni mal-aġenziji u uffiċjali konċernati, jiġi żgurat li l-bini, il-faċilitajiet u t-tagħmir tal-iskola, kif ukoll l-indafa u t-tisbiħ tal-ambjent tal-iskola, ikunu miżmuma kif xieraq;

c) to guide management processes, including Performance Management Programmes, to ensure academic and pedagogical quality assurance and standards of teaching and learning;

d) to manage and mentor other personnel attached to the school on a permanent or temporary basis in order to ensure a high level of motivation and of quality service;

e) to ensure that the gender perspective is integrated in school programmes and initiatives;

Home-School-Community Links

a) to create and promote links with the local community and its organisations;

b) to encourage and foster early parental involvement in children's educational development; while providing staff with a clear direction, encouraging them to seek effective ways of enhancing parental involvement in students' educational development and curricular activities;

c) to encourage parents/guardians to engage in lifelong learning opportunities leading to personal development whilst promoting enhanced involvement in the school community life;

d) to encourage parents to increasingly become aware of their responsibilities towards their children's well-being and welfare and ensure that they strictly observe the school's rules and regulations, including those related to punctuality both at the beginning and at the end of the school day;

Administration

a) together with the assistant head/s, to carry out the annual school classification exercise and ensuring the preparation of timetables, assigning of classes, subjects and responsibilities to teachers;

b) to ensure that the duty of providing cover for absent teachers is shared equitably among all teachers in the school;

c) to ensure the compilation and upkeep of school statistics, as well as student and staff records;

d) to ensure the provision of a functional record keeping and filing system and the timely and correct submission of data and information requested by the regulatory bodies, the college board and other authorised entities;

e) to collaborate with the relevant agencies and officials, to ensure the proper maintenance and servicing of the school building, facilities and equipment, as well as the cleanliness and the embellishment of the school environment;

f) bl-għajnuna tar-riżorsi umani disponibbli, jiġi żgurat li l-inventarji jkunu kumpilati u miżmuma skont regolamenti preskritti u li jkun hemm maniġġjar effiċjenti ta' stores/apparat, għamara u riżorsi materjali oħra;

g) ikun żgurat li kotba, servizzi u ħtiġiet tal-iskola jkunu ordnati f'waqthom;

h) ikun żgurat trasport tal-iskola adekwat billi tingħata l-informazzjoni meħtieġa;

i) ikun hemm parteċipazzjoni fi proġetti tal-UE u proġetti oħra skont il-miri tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Iskola.

Finanzi

a) bl-għajnuna ta' uffiċjali kompetenti tad-direttorati/dipartimenti tal-Edukazzjoni u l-kulleġġ jitħejjew l-estimi kapitali u rikorrenti tal-iskola fil-parametri u l-prijoritajiet stabbiliti mill-awtorità kompetenti;

b) taħt id-direzzjoni u l-gwida tad-direttorati/dipartimenti tal-Edukazzjoni jkun żgurat l-immaniġġjar effettiv u l-kontroll tal-fondi skont regolamenti finanzjarji governattivi stabbiliti u li jinżamm rekord tal-tranżazzjonijiet kollha skont il-prattika stabbilita.

3.2 Fil-qadi tad-dmirijiet u l-funzjonijiet huwa mistenni mnn Kap ta' Skola li jiżviluppa l-għerf, il-kompetenzi u l-ħiliet neċessarji sabiex juża b'mod effettiv it-teknoloġija tal-informazzjoni u komunikazzjoni.

3.3 Kap ta' Skola jkun megħjun, imħeġġeġ u ggwidat permezz ta' proċess ta' induzzjoni u mentoring tul is-sena ta' prova u fi kwalunkwe żmien ieħor li l-awtorità konċernata jidhrilha xieraq. Il-parteċipazzjoni fil-proċess ta' induzzjoni jagħmel parti integrali mill-kundizzjonijiet tal-impjieg ta' Kap ta' Skola. Il-proċess ta' induzzjoni jista' jsir barra l-ħin tax-xogħol u ġeneralment jinfirex matul is-sena ta' prova.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet

f) to ensure the compilation of an inventory according to prescribed regulations, as well as the efficient management of stores/apparatus, furniture and other material resources with the assistance of available human resources;

g) to ensure the timely requisition of utilities and textbooks;

h) to provide necessary information to ensure adequate school transport;

i) to take part in EU projects and other projects in accordance with SDP targets.

Finance

a) with the assistance of competent officials from the Education directorates/departments and college to prepare the capital and recurrent school budget estimates within the parameters and priorities set by the competent authority;

b) under the direction and guidance of the Education directorates/departments, to ensure the effective management and control of funds according to established Government financial regulations and the recording of all transactions according to established practice.

3.2 In the carrying out of his/her duties and functions, a Head of School shall be expected to develop the necessary knowledge, competences and skills to be able to make effective use of Information and Communication Technology.

3.3 A Head of School shall be supported, encouraged and guided by a process of induction and mentoring during the period of probation and at any other time when superiors may deem necessary. Participation in an induction process shall be an integral condition of employment for a Head of School and such an induction programme may be held outside school hours. The induction process generally spans the probation year.

Eligibility Requirements

4.1. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to

ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża; u iii.

(a) għandhom mhux anqas minn għaxar (10) snin skolastiċi esperjenza ta' tagħlim flimkien mal-erba' (4) snin skolastiċi servizz fil-grad ta' Assistent Kap ta' Skola, Kap ta' Dipartiment, INCO (grad qed jiġi assimilat fil-grad ta' Kap ta' Dipartiment) jew School Counsellor fi skola liċenzjata; u

(b) fil-pussess ta' kwalifika sħiħa f'Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti) fit-Tmexxija Edukattiva u fil-Maniġment jew kwalifika professjonali kumparabbli, kif determinat mill-awtoritajiet kompetenti.

iv. F'każ li ma jkunx hemm applikazzjonijiet minn uffiċjali eliġibbli skont il-paragrafu 4.1 (iii) (a) u (b), u/

employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages; and iii.

(a) have not less than ten (10) scholastic years teaching experience in addition to four (4) scholastic years service in the grade of Assistant Head of School, Head of Department, INCO (grade is being assimilated into the grade of Head of Department) or School Counsellor in a licensed school; and

(b) be in possession of a full qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, o equivalent) in Educational Leadership and Management or a comparable professional qualification, as determined by the competent authorities.

iv. In the absence of applications from eligible officers according to paragraph 4.1 (iii) (a) and (b), and/or in the

jew fin-nuqqas li ma jkunx hemm numru biżżejjed ta' applikanti li jiksbu suċċess, l-eliġibbiltà tkun estiża wkoll għall-Assistenti Kapijiet ta' Skola assenjati dmirijiet ta' Kap ta' Skola għal mill-inqas ħames (5) snin skolastiċi sħaħ, fuq kundizzjoni li jiksbu kwalifika sħiħa msemmija f'paragrafu 4.1 (iii) (b) hawn fuq, fi żmien tliet (3) snin mid-data tal-ħatra bħala Kap ta' Skola. F'każ li ma tinkisibx il-kwalifika f'Livell 7 tal-MQF imsemmija f'paragrafu 4.1 (iii) (b) fil-perjodu stipulat iwassal biex l-impjegati jerġgħu lura għall-grad preċedenti tagħhom.

Kif tipprovdi l-klawsola 34(2) tal-Ftehim Settorjali bejn il-Gvern ta' Malta u l-Malta Union of Teachers iffirmat fit-23 ta' Awwissu, 2010, Instructors li kisbu l-grad ta' Għalliem (Personal Basis) u li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà msemmijja f'paragrafu 4.1 (i), (ii), (iii) u (iv) hawn fuq, jitqiesu eliġibbli wkoll. Qed ikun iċċarat li s-snin ta' esperjenza fit-tagħlim fil-grad ta' Instructor jitqiesu bħala snin ta'esperjenza fit-tagħlim għal fini ta' paragrafu 4.1 (iii) (a) u 4.1 (iv) hawn fuq.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2. (i) Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 (iii) (b) jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_01_10_01_24_19_GPMT.pdf) xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Ottubru, 2024. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(ii) Kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3. Barra min hekk, skont il-ftehim settorjali tal-edukazzjoni ffirmat mill-Gvern u mill-Għaqda tal-Għalliema

absence of a sufficient number of successful candidates, eligibility shall be extended to Assistant Heads of School assigned Head of School duties for at least five (5) full scholastic years, on condition that they obtain a full qualification mentioned in paragraph 4.1 (iii) (b) above, within three (3) years from the date of appointment as Head of School. Failure to obtain the MQF Level 7 qualification mentioned in paragraph 4.1 (iii) (b) within this stipulated timeframe will lead to employees reverting to their previous grade.

As provided by clause 34(2) of the Sectoral Agreement signed between the Government of Malta and the Malta Union of Teachers on 23rd August, 2010, Instructors who have been re-designated as Teachers (Personal Basis) and who satisfy the eligibility criteria outlined in paragraph 4.1 (i), (ii), (iii) and (iv) above, shall be likewise eligible. It is being clarified that years of teaching experience in the grade of Instructor shall be reckonable as teaching experience in terms of paragraph 4.1 (iii) (a) and 4.1 (iv) above.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2. (i) Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraph 4.1 (iii) (b) or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_01_10_01_24_34_GPENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st October, 2024. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

